MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Numru 234/2007

Il- Pulzija
(Spettur Anzjan Pierre Micallef Grimaud)
(Spettur Anthony Portelli)

-vs-

Stephen Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Stephen Caruana ta’ 26 sena, bin Emanuel u Maria nee’ Vella, imwieled Pieta’ nhar it- 18 ta’ Novembru 1980 u residenti Farmhouse, Triq San Martin, San Pawl il- Bahar, detentur tal- karta tal- identita’ bin- numru 34581M

Talli nhar is- 7 ta’ Marzu, 2007, f’ xi hin wara l- 5.30 ta’ filghaxija, gewwa l- Belt Valletta, zamm fil- pussess tieghu jew inkella uza xi arma tan- nar, kopja non-funzjonabbli minghajr id- dikjarazzjoni lill- Kummissarju tal- Pulizija dwar dak il- pussess jew intenzjoni ta’ uzu.
Talli fl- istess lok, data u cirkostanzi, ha parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxra min- nies jew aktar, migburin bil- hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il- gemgha ta’ nies tkun giet mxeewxa minn hadd in partikolari;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikolu 35(3) tal-Kap 408 u l-artikolu 68(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u d-dokumenti l-ohra prezentati inkluz l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat hija dik li fis-7 ta’ Marzu 2007 ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra minn nies jew aktar u li dak in-nhar kellu fil-pussess tieghu kopja ta’ arma tan-nar mhux funzjonabbli minghajr ma kien ghamel dikjarazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi f’l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2007, meta l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja, ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-Qorti f’l-ewwel lok tirrileva li l-piena li ghandha tigi inflitta hija dik ai termini tal-Ligi fil-konfront ta’ **dan** l-imputat **ghall-imputazzjonijet dedotti kontra tieghu** tenut kont tal-principji in materja assodati fil-gurisprudenza u dottrina.

Illi fatturi li din il-Qorti thoss li huma ta' rilevanza fir-rigward tal-piena li ghandha tigi inflitta huma l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll l-fedina penali netta ta'l-imputat. Fattur iehor huwa dak li dak li kien kellu f'idejh l-imputat kienet kopja non-funzjonabbli ta' arma tan-nar, kopja maghmula mill-injam, li ghaliha ma kellux bzonn jottjeni licenzja imma li jaghmel dikjarazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija li qedgha fil-pussess tieghu.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjonijiet adebiti lill-imputat tikkontempla l-impozizzjoni ta' multa fil-massimu ta' hames mitt lira u / jew prigunerija ghal perjodu massimu ta' tlett xhur.

Illi l-Qorti in vista tal-kunsiderazzjonijat fuq maghmula u b'mod partikolari l-fedina penali netta ta' l-imputat li huwa *first time offender* l-Qorti thoss li piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 35(3) tal-Kap 408 u l-artikolu 68(2) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 7, 11 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 51(9) tal-Kap 408 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat Stephen Caruana hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------